# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.2

**Kap 2: Ngħinu bil-qalb!**

**Lezzjoni 5.2: Id-dinja li nagħmlu parti minnha!**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. jifhmu li għandhom jieħu ħsieb id-dinja ta' madwarhom;
2. jitgħallmu li jridu jħobbu bla kundizzjoni u japprezzaw dak li għandhom;
3. jiddiskutu kif jistgħu japprezzaw dak li qed jiġri madwarhom;
4. jirrealizzaw li min vera jħobbok jibqa' jħobbok allavolja ma turihx imħabba biżżejjed. Eż. il-ġenituri, Ġesù.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Preżentazzjoni *(power point)* 'Jien inħobb verament?' bl-istorja ta' Stefan u Nina.
- DVD: San Tarċisju https://www.youtube.com/watch?v=wFm05HcQw5Q
- Karta ta' taħriġ 5.2 mill-Ktieb tal-Attivitajiet
- Links bil-ħajja ta' San Domenico Savio: https://www.youtube.com/watch?v=_JeUJEPt9wI
- Dvd – San Domenico Savio – part 1

https://www.youtube.com/watch?v=P0Q1wYqGLNM



- Dvd – San Domenico Savio – part 2

https://www.youtube.com/watch?v=jnLSM2zPxPI

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Aqsam il-klassi f'4 gruppi u kull grupp joħroġ bi storja fejn il-persuni setgħu jgħinu u m'għenux. Aċċenna għall-fatt li meta ma nagħtix kas tal-ambjent ma nkunx qed ngħin u lanqas inħobb.



  a. fil-klassi
  b. fil-brejk
  c. fit-triq
  d. fid-dar.

- Ara x'ikun intqal u ddiskuti bħala klassi għaliex m'għenux u x'setgħu jagħmlu.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Aqsam il-klassi fi gruppi fejn jiddiskutu n-nuqqas t'għajnuna f'ambjent partikolari. Kull grupp jagħżel lil xi ħadd li se jgħid l-istorja tiegħu. Jekk jista' jkun jintgħażlu studenti li ma jkunux tkellmu fil-lezzjoni ta' qabel.
2. Iddiskuti x'intqal bħala klassi u araw għaliex m'għenux u x'setgħu jagħmlu.
3. Uri l-preżentazzjoni u ddiskuti l-istorja. Il-mistoqsijiet tad-diskussjoni jinsabu wkoll fil-preżentazzjoni.
4. *X'riedet l-omm? X'għamlu Stefan u Nina? Għalfejn taħsbu li ma tawx kasha? Taħsbu li għamlu sew?* Hawn irridu naslu li noħorġu mill-istudenti li n-nuqqas t'għajnuna kienet minħabba l-logħob. Dan dejjem jiġi l-ewwel għalihom.



5. *Taħseb li b'hekk urewha li jħobbuha? Għaliex? Taħseb li l-omm baqgħet tħobbhom? Għaliex? Kif kellhom iħossuhom Stefan u Nina wara li raw lil ommhom?* Hawn irridu naslu għall-fatt li n-nuqqas t'għajnuna jfisser nuqqas ta' mħabba. Naslu wkoll li min iħobbna jibqa' jħobbna allavolja mhux dejjem nuruh imħabba.

6. *Min jibqa' jħobbna allavolja mhux dejjem nobduh?* Wara li nisimgħu lista ta' nies irridu naslu biex niftakru li l-ikbar imħabba u maħfra ġejja mingħand Ġesù.

7. *Fakkar li ngħinu mhux biss lin-nies* li jħobbuna billi nobduhom, imma wkoll billi nieħdu ħsieb d-dinja ta' madwarna. Iddiskuti l-istampi mogħtija fil-powerpoint.

8. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.2 . Aqra u spjega s-silta mogħtija.

9. Iddiskuti Attività 1 u għin lit-tfal jitolbu billi jirringrazzjaw lil Alla tal-ambjent ta' madwarhom u jpinġuh.

10. Iddiskuti Attività 2 u oħroġ il-punt ta' kemm hu importanti li nfittxu nies li jħobbuna tassew sabiex jgħinuna.

11. Agħlaq il-lezzjoni billi turi biċċa mid-DVD ta' San Tarċisju jew San Domenico Savio u oħroġ il-punti importanti.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

- L-ambjent hu parti mill-ħajja tagħna. Irridu nibżgħu għalih.
- Meta ma nibżax għad-dinja ta' madwari ma nkunx qed inħobb.
- Irrid napprezza dak li għandi ħa nkun kuntent.
- Irrid nara x'qed jiġri madwari ħalli nkun nista' ngħin.
- Bin-nuqqas t'għajnuna tiegħek tista' tweġġa' lil xi ħadd allavolja mingħalik li tkun tħobbu.
- Min iħobbna tassew, xorta jibqa' jħobbna meta ma ngħinuhx u ma

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)




It-tfal juru li huma jħobbu u jibżgħu għall-ambjent. Juru li jifhmu li meta jagħmlu dan ikunu qegħdin jirrispettaw, iħobbu u jibżgħu għal xulxin.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

DVD: San Tarċisju

https://www.youtube.com/watch?v=wFm05HcQw5Q

Informazzjoni - San Domenico Savio
https://www.youtube.com/watch?v=_JeUJEPt9wI



Dvd – San Domenico Savio – part 1

https://www.youtube.com/watch?v=P0Q1wYqGLNM

Dvd – San Domenico Savio – part 2

https://www.youtube.com/watch?v=jnLSM2zPxPI

## Nitolbu



O Ġesù, nitolbuk maħfra ta' meta wrejt nuqqas ta' mħabba għax m'għentx lil min kien fil-bżonn. Għinni nagħti kas ta' dawk li jkollhom bżonn l-għajnuna tiegħi u agħmel li ngħinhom mill-qalb.